MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Mandat Numru. 1922/2012/1

**Kordin Grain Terminal Company Limited (C 10776)**

**-vs-**

**Valletta Gateway Terminal Limited (C 38888)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Kordin Grain Terminal Company Limited li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti zzomm lill-intimata milli tkompli taghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' struttura, liema struttura hi intiza ghaz-zamma ta' *cement* jew *gypsum*, u milli tiddepozita *cement* jew *gypsum* f'din l-istess struttura, li qed tigi kostruwita fil-proprjeta' adjacenti ghall-proprjeta' tal-esponenti, specifikament fejn qed jigi mmarkat bl-ahmar fis-*site-plan* anness u mmarkat bhala 'Dok. A'.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ Dicembru 2012, li permezz tieghu, din il-Qorti laqghet it-talba provvizorjament u ordnat notifika tal-istess b’terminu ghal twegiba.

Rat it-twegiba ta’ Valletta Gateway Terminal Limited, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm imfissra, sostnew li l-istess talba ghandha tigi michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat l-atti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat minn din il-Qorti in camera.

Ikkunsidrat illi t-talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni hija regolata bil-provvediment tal-Art. 873 tal-Kap 12 li testwalment jipprovdi illi:

(1) L-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

(2) Il-qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Minn dan jirrizulta li z-zewg elementi mehtiega sabiex tintlaqa’ it-talba ghall-hrug tal-mandat de quo huma kumulattivi u mhux alternattivi.

Jirrizulta ukoll illi l-iskrutinju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti huwa essenzjalment kostrett minn dak li jidher “prima facie”. Il-vertenzi ezistenti bejn il-partijiet ghandhom jigu ezaminati w evalwati fi skrutinju profond minn dik il-Qorti li finalment ser tippronunzja ruhha fuq l-istess vertenzi.

Jirrizulta illi s-socjeta' rikorrenti toffri servizzi ta' hatt, tghabija u hazna ta' cerejali, dan f'Laboratory u Magazine Wharves. Is-socjeta' intimata, min-naha taghha, topera esklussivament is-servizzi ta' cargo handling fil-Port. Jirrizulta illi s-socjeta' intimata odjerna, Valletta Gateway Terminals Limited ikkoncediet lil socjeta' ohra, UC Limited, id-dritt li tibni u topera facilita' ta' silos tas-siment, u dan sar skont it-termini tal-koncessjoni originali moghtija lill-istess Valletta Gateway Terminals Limited. Dawn ix-xogholijiet bdew u issa Kordin Grain Terminal Company Limited qed issostni li dawn l-istess xogholijiet ser ikunu qed jikkawzaw periklu serju ghas-sahha stante li ser jinhaznu prodotti tal-ikel u prodotti tas-siment vicin xulxin.

Ikkunsidrat illi ma jirrizultax minn ebda dokument illi Valletta Gateway Terminals Limited hija b'xi mod responsabbli mix-xogholijiet li qed isiru. Il-hazna ta' siment giet koncessa lil UC Limited permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Ottubru (esebit in atti bhala Dok. X1 li permezz tieghu UC Limited ghandha "exclusive right to use the zone", dan ghall-perjodu ta' ghoxrin sena. Permezz l-istess ftehim UC Limited obbligat ruhha tibni s-silos u l-infrastruttura relatata, izzommhom fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. UC assumiet ukoll ir-responsabilita' ghas-sigurta' fuq l-istess sit.

Ghalhekk, ma jirrizultax lil din il-Qorti illi Valletta Gateway Terminals Limited hija b'xi mod responsabbli ghax-xogholijiet li Kordin Grain Terminal Company Limited qed titlob lil din il-Qorti twaqqaf.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-20 ta' Dicembru 2012 u tichad it-talba kif dedotta fil-konfront ta' Valletta Gateway Terminals Limited.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu minn Kordin Grain Terminal Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------